**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Joseph Galea**

**Kumpilazzjoni 687/2020**

**Illum, 16 ta' Lulju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Joseph Galea**, detentur tal-karta ta' 1-identita' bi numru 293290M.
>
> U nakkuzak talli, nhar it-3 ta' Settembru 2019, ghall-habta tal-hdax nieqes ghaxar minuti ta' bil-lejl (23:50hrs), gewwa Triq Schreiber, Paola:
>
> 1. Ikkomettejt serq ta' zewg generators u/jew ogetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u

tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta’ Paola u/jew persuni ohra;

2. U kif ukoll talli ksirt ordni ta’ probation moghtija fil-konfront tieghek ghal tlett snin b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D, datata 21 ta’ Marzu 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

II-Qorti hija gentilment mitluba Ii titratta lill-imputati bhala recediv ai termini ta’ l-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b’sentenzi ta’ reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-istess imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat **Joseph Galea** reġa’ afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

U wara li qieset l-atti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ piena karċerarja effettiva ma hiex idoneja.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (b) (c) u (f), 263, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Joseph Galea** ħati tal-akkuzi migjuba kontrieh u qed tikkundanna lill-imputat għal sentejn ħabs li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' snin.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur